



Brussell, 4 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6300/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0357(NLE)**

**CORDROGUE 4
SAN 74
RELEX 112**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	14203/20 + ADD 1; 5803/1/21 REV 1 Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-erbgħa u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 - sustanzi psikoattivi ġodda

1. Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 ("il-Konvenzjonijiet") huma t-trattati internazzjonali ewlenin dwar il-kontroll tad-drogi, flimkien mal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988.
2. L-Istati partijiet għall-Konvenzjonijiet huma meħtieġa jiżguraw li l-miżuri ta' kontroll obligatorji jiġu applikati għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi annessi mal-Konvenzjonijiet. L-għan ta' dan l-elenkar huwa li jiġi kkontrollat u limitat l-użu ta' dawn id-drogi skont klassifikazzjoni tal-valur terapewtiku, ir-riskju ta' abbuż u l-perikli għas-saħħa tagħhom, u li tiġi minimizzata d-diverżjoni ta' sustanzi kimiċi prekursori għal manifatturi ta' drogi illegali.

3. Deċiżjonijiet dwar it-tibdil tal-ambitu tal-kontroll ta' sustanzi jittieħdu mill-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), permezz ta' deċiżjonijiet biex isiru ċerti bidliet għall-Iskedi tal-Konvenzjonijiet, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.
4. Is-CND, matul l-erbgħa u sittin sessjoni tagħha mit-12 sas-16 ta' April 2021 fi Vjenna, għandha tadotta deċiżjonijiet dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet.
5. Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-64 sessjoni tas-CND dwar l-iskedar ta' 8 sustanzi psikoattivi skont il-Konvenzjonijiet (dokument ST 14203/20 + ADD 1).
6. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet analizzata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (GOD) fid-9 ta' Frar 2021. Il-verżjoni riveduta tal-proposta li tinsab fid-dokument ST 5803/21 ġiet approvata mill-GOD fid-9 ta' Frar 2021, soġġetta għall-korrezzjoni ta' żbalji klerikali fl-ismijiet kimiċi tas-sustanzi psikoattivi. Il-verżjoni riveduta bl-ismijiet kimiċi kkoreġuti kif jinsabu fid-dokument ST 5803/1/21 REV 1 ġiet approvata mill-GOD fis-16 ta' Frar 2021.
7. **Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-erbgħa u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' 8 sustanzi psikoattivi taħt il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, kif tinsab fid-dokument ST 6193/21, bħala punt "A" f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.**